



2022/2081(DEC)

24.1.2023

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2021, Taqsima III – Il-Kummissjoni u l-aġenziji eżekuttivi
(2022/2081(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Romeo Franz

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni tiegħu:

1. Jinnota li l-2021 kienet l-ewwel sena ta' implimentazzjoni tal-QFP 2021–2027 u li l-bażijiet ġuridiċi tal-programmi l-ġodda Erasmus+, Ewropa Kreattiva u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà ġew adottati formalment f'Mejju 2021; jissottolinja r-rwol kruċjali ta' dawn il-programmi, li jagħtu perspettivi fit-tul lill-benefiċjarji tagħhom; ifakkar fl-insistenza tal-Parlament matul in-negozjati fuq enfasi aktar b'saħħitha fuq l-investment fin-nies, l-inklużjoni u d-diversità, b'mod partikolari l-bilanċ bejn il-ġeneri, il-miżuri ta' ekoloġizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni sostenibbli; jilqa' d-diversi miżuri meħuda f'dawk il-programmi favur l-inklużjoni, b'mod partikolari għal organizzazzjonijiet żgħar, gruppi żvantaġġati u vulnerabbli u persuni minn żoni remoti, rurali u iżolati, kif ukoll biex jiġu appoġġati r-rifuġjati Ukreni;
2. Jinnota li, minkejja din l-adozzjoni tardiva, id-DĠ Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Sport u Kultura u d-DĠ Connect irnexxielhom iwettqu l-impenji operazzjonali kollha ta' dawn il-programmi u prattikament il-pagamenti kollha; jinnota bi tħassib li fl-2021 l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura (EACEA) għamlet 40 % inqas pagamenti operazzjonali milli fl-2020; iħeġġeġ lill-EACEA tiegħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tħaffef l-implimentazzjoni fl-2022, inkluż it-tisħiħ sinifikanti tal-persunal previst fis-6 snin li ġejjin;
3. Jappella għal aktar trasparenza sabiex jiġu żgurati l-istabbiltà, il-prevedibbiltà u l-iskrutinju, inqas burokrazija fl-implimentazzjoni tal-proġetti u l-użu kostruttiv tal-istrumenti diġitali meta dan jista' jkun ta' għajjnuna għall-benefiċjarji u l-proġetti;
4. Jirrikonoxxi l-miżuri ta' mitigazzjoni meħuda mill-Kummissjoni u l-EACEA biex jissalvagwardjaw l-implimentazzjoni tal-programm, b'mod partikolari l-isforzi tal-EACEA biex twettaq sejħiet għal proposti u appoġġ imfassal apposta għall-applikanti u l-benefiċjarji b'pass mgħaġġel fit-tieni nofs tas-sena; jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' disponibbiltà ta' data ta' implimentazzjoni kkonsolidata għall-2021 bħala rizzultat ta' dan id-dewmien fiż-żmien tal-finalizzazzjoni tar-Rapport Annwali tal-Attività tal-Kummissjoni; jistenna li l-implimentazzjoni u r-rappurtar jerġgħu jiġu għan-normal mill-2022 'il quddiem;
5. Jissottolinja li l-pandemija tal-COVID-19 kompliet tħalli impatt qawwi fuq l-istudenti, l-għalliema, iż-żgħażaġh, il-professjonisti kulturali u l-atleti fl-2021; jirrikonoxxi l-adozzjoni mill-Kummissjoni f'Ġunju 2021 ta' Komunikazzjoni dwar il-linji gwida tal-UE dwar it-tkomplija sikura tal-attivitajiet fis-setturi kulturali u kreattivi, li kellha l-għan li tappoġġa l-ftuħ mill-ġdid ikkoordinat tas-settur kulturali fl-Ewropa;
6. Jinnota li l-ewwel sena tal-QFP il-ġdid rat it-tnejja jew l-iżvilupp ulterjuri ta' diversi inizjattivi ta' politika ewlenin, bħaż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u l-Pjan ta' Azzjoni l-ġdid għall-Edukazzjoni Diġitali 2021–2027; jissottolinja l-ħtieġa ta' implimentazzjoni malajr ta' dawn l-inizjattivi biex tiġi appoġġata t-trasformazzjoni tas-sistemi edukattivi tagħna biex ikunu jistgħu jintegraw it-teknoloġiji diġitali; jitlob li n-nuqqas strutturali ta'

finanzjament tal-UE għall-edukazzjoni, iż-żgħażaġh, is-solidarjetà u l-kultura fid-dawl ta' prijoritajiet u sfidi ġodda jiġi indirizzat meta tittieħed deċiżjoni dwar kwalunkwe aġġustament tal-programm fir-reviżjoni tal-QFP;

7. Jiddispijaċi li, wara t-tħabbira tal-President tal-Kummissjoni Von der Leyen f'Settembru 2021, ingħataw tliet xhur biss għat-tnejn għas-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ 2022 u li din il-proċedura leġiżlattiva rapida mhux biss dgħajfet il-prerogattiva demokratika tal-Parlament iżda pperikolat ukoll il-livell ta' ambizzjoni tas-Sena, il-profondità tal-involviment tas-settur taż-żgħażaġh u l-kwalità tal-proġett;
8. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġa l-impenn tal-koleġiżlaturi li jiżguraw li s-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ 2022 tħalli legat dejjiemi, billi tevalwa l-eżiti tagħha bir-reqqa, tintegra ż-żgħażaġh fil-politiki relatati kollha tal-UE permezz ta' għodda ta' eżami taż-żgħażaġh, u billi tipprovdi finanzjament adegwat għall-attivitajiet ta' segwitu, inkluż permezz ta' eżerċizzju ta' mmappjar biex jiġu identifikati sorsi ta' finanzjament addizzjonali lil hinn mill-2022;
9. Jilqa' t-tnejn fl-2021 ta' CulturEU, gwida innovattiva online għall-finanzjament tal-UE għall-kultura fil-programmi kollha, u l-Portal taż-Żgħażaġħ tal-UE mġedded; jittama li dawn il-portali jikkontribwixxu għal informazzjoni aħjar u aċċess aktar faċli għall-informazzjoni dwar il-programmi u l-opportunitajiet ta' finanzjament tal-UE;
10. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni timplimenta mill-aktar fis possibbli r-rakkomandazzjoni miftuħa tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri biex tadotta strateġija dwar il-litteriżmu fil-media b'indikaturi ċari biex jitkejjel b'mod sistematiku l-impatt tal-azzjonijiet ta' litteriżmu u jissottolinja l-ħtieġa li tkompli l-għieda kontra d-diskriminazzjoni;
11. Jinnota li r-riskju globali fil-waqt tal-pagament tad-DĠ Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Sport u Kultura u tal-EACEA kien relattivament baxx u r-rata ta' żball kumplessiva tagħhom baqgħet taħt il-livell limitu ta' materjalità ta' 2 % fl-2021;
12. Jinnota l-iżviluppi pożittivi fl-istrateġija tar-riżorsi umani tad-DĠ Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Sport u Kultura fl-2021; jinsab imħasseb ħafna dwar is-sitwazzjoni tal-persunal fl-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) b'dawran tal-impjegati għoli minħabba pressjoni fuq ix-xogħol; jenfasizza li l-EIT talab persunal addizzjonali, b'mod partikolari biex jittratta inizjattivi ġodda bħall-azzjoni pilota biex jiżdiedu l-kapaċitajiet innovattivi tal-Istituzzjonijiet tal-Edukazzjoni Għolja; jistieden lid-DĠ Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Sport u Kultura jiżgura li l-EIT ikollu biżżejjed persunal biex iwettaq ir-responsabbiltajiet kollha tiegħu, b'mod partikolari l-prijoritajiet tal-edukazzjoni għolja;
13. Jinnota l-progress li sar fir-rigward tal-protezzjoni tad-data personali għall-benefiċjarji ta' Erasmus+ u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u l-parteċipanti fihom, b'mod partikolari fir-rigward tat-trasferimenti ta' data personali ta' pajjiżi terzi, speċifikament permezz tal-introduzzjoni ta' "għodda ta' trasferiment" fil-forma ta' ftehim legalment vinkolanti ma' korpi fdati f'pajjiżi terzi;
14. Jilqa' l-introduzzjoni tad-DĠ Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Sport u Kultura fl-2021 ta' għodda ġdida ta' rappurtar intern li tippermetti lill-Aġenziji Nazzjonali jidentifikaw aktar faċilment sottomissjoni doppja, finanzjament doppju u plaġjariżmu ta'

akkreditazzjoni. iħeġġeġ lid-DĠ Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Sport u Kultura u lid-DĠ Connect biex ikomplu joffru taħriġ kontra l-frodi u l-protezzjoni tad-data għall-persunal, immirat b'mod speċjali lejn parteċipanti ġodda, u korpi fdati, u biex jagħmlu l-attendenza f'tali taħriġ obbligatorja.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	24.1.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 20 -: 2 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Asim Ademov, Christine Anderson, Andrea Bocskor, Ilana Cicurel, Laurence Farreng, Tomasz Frankowski, Romeo Franz, Catherine Griset, Hannes Heide, Irena Joveva, Petra Kammerevert, Predrag Fred Matić, Niklas Nienaaß, Peter Pollák, Diana Riba i Giner, Marcos Ros Sempere, Sabine Verheyen, Theodoros Zagorakis, Milan Zver
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Isabella Adinolfi, João Albuquerque
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Ivan Štefanec

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

20	+
NI	Andrea Bocskor
PPE	Asim Ademov, Isabella Adinolfi, Tomasz Frankowski, Peter Pollák, Ivan Štefanec, Sabine Verheyen, Theodoros Zagorakis, Milan Zver
Renew	Ilana Cicurel, Laurence Farreng, Irena Joveva
S&D	João Albuquerque, Hannes Heide, Petra Kammerevert, Predrag Fred Matić, Marcos Ros Sempere
Verts/ALE	Romeo Franz, Niklas Nienaß, Diana Riba i Giner

2	-
ID	Christine Anderson, Catherine Griset

0	0

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni